

32004R1923

5.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 331/9

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1923/2004**tal-25 ta' Ottubru 2004****li jistabbilixxi ċerti konċessjonijiet għall-Konfederazzjoni Żvizzera fil-forma ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, ta' l-Islovenja u ta' l-Islovakkja, u b'mod partikolari, l-Artikolu 6 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-qafas tal-Ftehim preferenzjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera ⁽¹⁾ konkluż permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2840/72 ⁽²⁾ ingħatat konċessjoni fuq il-prodotti agrikoli pproċessati lil dak il-pajjiż.
- (2) Wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, ta' l-Islovenja u ta' l-Islovakkja, il-konċessjoni imsemmija għandha tiġi addattata sabiex tiegħu kont ta' l-arranġamenti speċifiċi li eżistew għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli pproċessati bejn dawn l-għaxar pajjiżi, minn naħa waħda, u l-Iżvizzera, min-naħa l-oħra.
- (3) Sabiex jinkiseb dan, fil-25 ta' Ġunju 2004 ġew konklużi negozjati rigward l-iffirmar ta' ftehim, li minħabba fih huwa neċessarju li jsiru adattamenti għall-ftehim preferenzjali msemmi hawn fuq, sabiex dan jiegħu kont ta' l-effetti tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.
- (4) Iżda, peress li ż-żmien kien qasir wisq, il-ftehim ma setax jidħol fis-seħħ sa l-1 ta' Mejju 2004, u f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Komunità għandha tadotta l-miżuri neċessarji sabiex issolvi s-sitwazzjoni.

- (5) Il-miżuri ser jiegħu l-forma ta' kwota tariffarja Komunitarja awtonoma li tkopri l-konċessjonijiet tariffarji preferenzjali li skond il-ftehim japplikaw għar-Repubblika Ċeka, għall-Estonja, għal Ċipru, għal-Latvja, għal-Litwanja, għall-Ungerija, għal Malta, għall-Polonja, għall-Islovenja u għall-Islovakkja.
- (6) Ġiet stabbilita kwota tariffarja fl-2004 għall-istess prodotti bl-ordni Nru 09.0914 mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2232/2003 ⁽³⁾. Il-kwota tariffarja ġdida hija addizzjonali għall-konċessjoni eżistenti.
- (7) Il-Konfederazzjoni Żvizzera ngħatat ukoll responsabbiltà politika, soġġetta għar-reċiproċità, sabiex tadotta miżuri tranżitorji indipendenti favur il-Komunità li jkollhom effett legali mill-1 ta' Mejju 2004,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2004, il-merkanzija li toriġina mill-Iżvizzera li hija elentaka fl-Anness hija suġġetta għal kwota tariffarja miftuħa skond il-kundizzjonijiet speċifikati.

Artikolu 2

Il-kwota msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 ⁽⁴⁾.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kunsill,
Il-President
R. VERDONK

⁽¹⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽²⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 188.

⁽³⁾ ĠU L 339, 24.12.2003, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1).

ANNEX

KWOTA TARIFFARJA PREFERENZJALI MIFTUĦA

Numru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota awtonoma 1.5.2004 to 31.12.2004	Rata ta' taxxa applikabbli	Kwota Awtonoma Is-Sena ta' wara
09.0914	2106 90 92	Il-preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi f'post ieħor li ma fihom l-ebda xaħam tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew li fihom piż ta' anqas minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu	187 t.	eżenzjoni	1 309 t.